MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH S. REFALO**

Seduta tas-16 ta' Gunju, 2006

Talba Numru. 1424/2005

**Jonathan Ciantar (ID-582483M)**
**vs**
**Mario Agius (ID-195766M)**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-1 ta' Lulju, 2005, fejn intalab il-hlas ta' erba' mija u hamsa u tletin lira Maltija (Lm435.00), rapprezentanti prezz ta' servizz illi l-konvenut zamm u thallas minghand l-attur ghal xoghol ta' panel beating kif ordnat mill-istess attur, liema xoghol qatt ma sar kif ser jirrizulta minn din il-kawza, kif ukoll parti mis-somma mitluba konsistenti fi prezz ta' parts mixtrija sabiex issir it-tiswija fuq il-vettura.**

**Ra r-risposta tal-konvenut prezentata fit-3 t »awissu, 2005 fejn intqal :**

**i. Illi l-premessi mhux cari u hemm bzonn li jigu ccarati. Issir riserva minn issa li l-konvenut jirregola ruhu dwar eccezzjonijiet ulterjuri wara d-debita kjarifika da parti tal-attur.**
**ii. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez stante li l-esponent mhux debitur tal-attur fl-ebda ammont, kif ukoll li ma ghandu xejn fil-pussess tieghu li jappartjeni lill-attur.**
**iii. Illi di piu`, il-materja in dizamina giet konkluza bejn il-partijiet fl-20 ta' Lulju, 2003 skond il-ftehim milhuq bejn l-istess partijiet (Dok.A).**
**iv. Illi din il-kawza hija frivola u vessatorja u ma ghandhux ibati spejjez. Tant hu hekk li sussegwentement ghal proceduri kriminali bejn il-partijiet, din il-pendenza kien ser jerga jqajjimha, u reget giet straxxjata.**
**v. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.**

**Semgha x-xhieda ta' Jonathan Ciantar, Jane Ciantar, Stephanie Ciantar, Daniel Cutajar, Mario Agius, Elton Agius, Kurt Galea. Ha konjizzjoni tad-dokumenti kollha esebiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz. Ra s-sottomissjonijiet.**

**Ikkunsidra :**
**1. L-attur qed ifittex lill-konvenut ghar-rifuzjoni ta' ammont imhallas rigwardanti xoghol ta' panel beating allegatament ordnat u li skond l-attur baqa' qatt ma sar.**
**2. L-attur spjega li lill-konvenut jafu permezz ta' huh Elton Agius, li kien johrog ma' oht l-attur. Jispjega li kien ha karrozza ghand il-konvenut ghat-tiswija, panel beating u spray. Skond l-attur ma giex miftiehem prezz dwar ix-xoghol kollu, u qablu li meta l-attur ikollu xi flus ihallsu. L-attur jghid li ma jafx ezatt kemm hallas, u l-ammont mitlub jirreferi ghal xoghol li ma sarx u li kien imhallas.**
**3. L-attur qed jaqbel mal-iskrittura Dok.A a fol.6 tal-process. Skond din l-iskrittura l-konvenut ha tlett mija u tmenin lira, u ghalhekk dak in-nhar fl-20 ta' Lulju, 2003 kollox kien konkluz.**

**4. L-attur jghid li qabel dan id-dokument kien hemm dokumenti ohra li hu ma zammx, li jirreferu ghal parts li inbieghu u llum qeghdin ghand terzi, u li pero` hallas ghalihom l-attur. L-attur jghid li ffirma d-Dok.A sabiex jiehu l-karrozza. Skond l-attur ir-ritratt Dok.KB2 jindika kif kienet il-karrozza meta hada mill-garaxx tal-konvenut.**

**5. Stephanie Ciantar, oht l-attur tikkonferma li kienet prezenti meta l-konvenut talbu l-flus biex l-attur jiehu lura l-karrozza. Jane Ciantar, omm l-attur tikkonferma li l-attur kellu ihallas biex jiehu lura l-karrozza, u li l-attur ried jiehu lura l-parts u qam argument mal-konevnut fuq dan. Pero` it-Tribunal jirrileva fir-rigward li dan f'diskursata li l-attur kellu mal-konvenut fuq it-telefon.**

**6. Fl-istess sens Daniel Ciantar, hu l-attur jikkonferma dak li qalu oht u omm l-attur.**

**7. Jirrizulta li l-attur fil-fatt ghamel diversi pagamenti lill-konvenut u dana skond id-dokumenti a fol.29 sa 36.**

**8. Il-konvenut jghid li fil-fatt ghamel xoghol fuq il-vettura tal-attur, cioe` zarmaha, qaxxara u ta l-ispray, kif ukoll tellgha xi daqqiet. Il-konvenut jghid li ghamel ukoll xoghol fuq il-magna.**

**9. Ghalhekk tenut kont ta' dan kollu, l-ftehim tal-20 ta' Lulju, 2003 a fol.29 qed jindika li saru pagamenti u kien ghad fadal dak biss. Ma jirrizultax li l-konvenut ma hadimx fuq il-vettura tal-attur kif allegat mill-attur, anzi jirrizulta l-oppost. Tant sar xoghol fuq din il-vettura li kienu isiru pagamenti ta' spiss. Ghalhekk kif sew gie sottomess mid-difensur tal-konvenut, dik l-iskrittura tal-20 ta' Lulju kienet a saldu. Ghalhekk it-talba attrici ma tirrizultax pruvata.**

**Ghaldaqstant peress illi it-talba ma tirrizultax pruvata it-Tribunal qed jichad it-talba attrici.**
**Fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------